MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tas-26 ta' Frar, 2009

Numru. 1002/2008

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR SPIRIDIONE ZAMMIT**

**KONTRA**

**BRIAN BARTOLO**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Brian Bartolo ta’ 37 sena, bin John u Anna Lunziata nee’ Sammut, mwieled Attard nhar is- 6 ta’ Novembru 1971, residenti fil- fond 21, Triq Patri G Spiteri Freemond, Qormi u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 498571(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) fis- 17 ta' Ottubru ghal habta tad- 9.00pm u diversi hinijiet qabel fi Triq il- Karmnu Fgura volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe' ghamel hsara fuq bieb ta' barra tar- residenza li ggib l- isem 55 San Guzepp liema hsara hija ta' inqas €116.47 u aktar minn €23.29 u fuq nuccali tal- vista liema hsara hija ta' aktar minn €116.49 izda inqas minn €1165.69, lkoll ghad detriment ta' Saviour Tabone mill- Fgura;

2) Nakkuzah ukoll talli fl- istess jum, lok, hin u cirkostanzi m'obdiex l- ordnijiet Legittimi tal- Awtorita' jew ta' uhud inkarigati minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkel lil dawn cioe' lil membri tal- Korp tal- Pulizija, lil PC 864 D Cassar u PC 1529 E.Barbara waqt li kienu qieghdin jaghmlu d- dmirijiet taghhom u billi ma hallihomx jaghmlu dak li bil- Ligi kienu ordnati li jaghmlu jew jistghu jaghmlu w billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ghamel skond il- Ligi b'mod li jkun;

3) Nakkuzah talli fl- istess jum, hin, lok u cirkostanzi ghamel ingurji u theddid lill- imsemmija ufficjali kif ukoll ghamel offiza fuq il- persuna ta' PC 1259 E. Barbara, u kkagunalu ferita ta' natura hafifa skond ma ccertifika Dr. Jesmond Cassar Reg. 1906 mic- Centru tas- Sahha ta' Rahal Gdid, lkoll persuni nkarigati minn servizz pubbliku, waqt li kienu qieghdin jaghmlu jew ghamlu dan is- servizz bil- hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-Ligi fl- esekuzzjoni ta' dak is- servizz;

4) Nakkuzah ukoll talli fl- istesss jum, hin, lok u cirkostanzi minghajr il- hsieb li joqtol li jqieghed il- hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna hsara fil- gisem jew fis-sahha fuq il- persuna ta' Marisa Tabone mill- Fgura u kkagunalha ferita ta' natura hafifa skond ma ccertifika Dr. Renzo Degabriele mic- centru tas- sahha Rahal Gdid;

5) Akkuzat ukoll talli fl- istess jum, hin, lok u cirkostanzi bl- imgieba tieghu, ikkaguna lil Marisa Tabone mill- Fgura bize’ li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra l- propjeta’ taghha, jew kontra l- persuna jew propjeta’ ta’ xi hadd mill- axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet;

6) Nakkuzah ukoll talli fl- istess jum, hin, lok u cirkostanzi minghajr il- hsieb li joqtol jew li jqieghed il- hajja ta’ haddiehor f’periklu car, ikkaguna hsara fil- gisem jew fis- sahha fuq il- persuna ta’ Carmen Tabone u kkagunalha ferita ta’ natura hafifa skond ma ccertifika Dr. Renzo Degabriele mic- centru tas- sahha ta’ Rahal Gdid;

7) Nakkuzah ukoll talli fl- istess jum, lok, hin u cirkostanzi ghamel lil Saviour Tabone, Marisa Tabone, Carmen Tabone, Josephine Caruana u Tony Caruana ilkoll mill- Fgura ingurji jew theddid mhux imsemmi band’ ohra fil- Kodici Kriminali;

8) Nakkuzah ukoll talli fl- istess jum, lok, hin u cirkostanzi, b’xi mod iehor mhux imsemmi band’ ohra fil- Kodici Kriminali kiser volontarjament il- buon ordni jew il- kwiet pubbliku;

9) B’hekk kiser il- kundizzjonijiet imposti fuqu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta mill- Qorti tal- Magistrati Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-mertu tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti tal-kaz mertu ta’ din il-kawza huma s-segwenti. Fid-data, lok u hin indikati, l-imputat u z-ziju tieghu marru d-dar fejn kienet toqghod l-“ex” siehba tieghu flimkien mat-tifla taghhom, sabiex jara lit-tifla u juriha lil zijuh. L-“ex” siehba tal-imputat, Marisa Tabone, li dak iz-zmien kienet qed toqghod f’dar vicin tal-genituri taghha, ma hallietux jara lit-tifla, minhabba li kien hin tard filghaxija u t-tifla kienet diga’ rieqda. Minhabba f’hekk qam argument shih bejn Marisa Tabone u l-imputat, u f’hin minnhom dahlu ukoll il-genituri ta’ Tabone, Saviour u Carmen Tabone, u oht Marisa, Josephine Caruana. Dan l-incident, ghalkemm ma halla ebda konsegwenza serja, kien tali li kellhom jintervjenu l-Pulizija ukoll, kemm tad-Distrett kif ukoll tal-“Mobile”, sabiex jippruvaw jikkontrollaw u jikkalmaw is-sitwazzjoni. Qed jigi allegat ukoll li l-Pulizija sofrew xi griehi f’dan l-intervent. Huma arrestaw lill-imputat, u sussegwentement, hu tressaq il-Qorti fuq dawn l-imputazzjonijiet.

Mill-provi prodotti l-Qorti hi tal-fehma li l-imputazzjonijiet kollha gew soddisfacentement ippruvati. Il-hin li mar l-imputat biex suppost jara t-tifla tieghu ta’ tlitt snin, bid-dovut rispett, m’huwiex hin li tara tfal ta’ dik l-eta’. L-anqas ma kien il-hin li seta’ jkollu access ghat-tifla skond il-kuntratt ta’ bejniethom 12 ta’ Ottubru 2007 u esebit fl-atti tal-kawza a fol. 37 et seq. tal-process. Ghalhekk il-Qorti ma tistax tifhem kif kellu jkun bil-fors dak il-hin li hu ried jara lit-tifla tieghu, jew li juriha lil zijuh. L-incident li nqala’ wara, fil-fehma tal-Qorti, kien kollu kemm hu mibdi minnu. Jekk hu veru li Marisa Tabone ul-genituri taghha bdew jghajtu mieghu meta habbtilhom il-bieb, kien imissu qabad u telaq ‘l hemm, u mhux ikompli ukoll bl-ghajjat u d-daqqiet fuq bibien. L-anqas ma jista’ jinvoka xi legittima difesa jew provokazzjoni min-naha l-ohra, peress illi kien hu li beda l-incident, u mhux haddiehor, billi mar hemm f’hin li ma kellux ghalfejn ikun hemmhekk.

Ix-xhieda kollha tal-Prosekuzzjoni kienu konsistenti fil-verzjoni tal-fatti li taw, u kollha kkonfermaw l-attitudni u mgieba aggressiva tal-imputat. Meta gew iz-zewg Pulizija tad-distrett, l-anqas setghu jikkontrollawh wahedhom, tant li kellhom jitolbu l-ghinuna tal-“Mobile Squad”, u kien biss

wara li gie kontingent shih tal-Pulizija li kkalmat is-sitwazzjoni. Ic-certifikati medici juru li fil-fatt il-vittmi ta’ din l-aggressjoni sofrew griehi hfief, kif sofra ukoll l-istess imputat, u r-ricevuti tal-hsarat juru li kien hemm Danni, anke jekk minimi, fil-proprjeta’ tal-familja Tabone. Dan ta’ l-ahhar huwa ammess fl-istqarrija tal-istess imputat, esebit a fol. 8 u 9 tal-process. Rigward din l-imputazzjoni tal-hsara volontarja, izda, il-Qorti tirrimarka li l-hsara fuq in-nuccali u l-bieb tad-dar ta’ Saviour Tabone flimkien jeccedi l-€116, u mhux wahda jew l-ohra wahedha, kif donnu hemm indikat fl-ewwel imputazzjoni. Peress illi l-hsara kienet wahda minima, il-Qorti sejra tiehu din in konsiderazzjoni ghall-finijiet ta’ piena. F’dan l-incident kollu l-imputat ma naqasx milli joffendi lil kulhadd presenti, lill-familja Tabone, lil Josephine u Tony Caruana, u lill-Pulizija, biex ikompli jghaqqad is-sigill.

Kwantu ghall-piena, il-Qorti rat li l-imputat gia’ inghata sentenza fuq mertu simili fil-25 ta’ Gunju 2007, apparti kundanni ohra skond il-fedina penali tieghu. Illi ghalhekk, il-Qorti m’hix qed tara li l-imputat huwa persuna affidabbli, specjalment fil-konfront tal-“ex” siehba tieghu u l-familja taghha, u ghaldaqstant ser ikollha tirrikorri ghal piena li tirrestringi l-liberta’ tal-persuna, bl-isperanza li hu jitghallem jikkontrolla lilu nnifsu u ma jkunx ta’ periklu ghal terzi. Fil-fehma tal-Qorti, l-imputat ghandu bzonn jifhem li ma jistax jiddeciedi li jiehu li jrid meta jrid u kif irid, specjalment meta’ qed jittratta ma’ persuni ohra, izda jrid joqghod ghall-ordnijiet moghtija mill-Awtorita’, irid joqghod ghat-termini tal-kuntratt ta’ bejnu u bejn Marisa Tabone ghal dak li jirrigwarda l-hinijiet tal-access ma’ bintu, u jrid joqghod mal-ligijiet ta’ pajjiz civili. Jekk m’huwiex lest li joqghod ghal dan kollu, allura jrid ikun lest li jhallas il-prezz ta’ ghemilu.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 95, 221, 222 (1) (a) (c), 325 (1) (b) (c), 339(1)(d), 338 (dd) u (ee), u 251 B tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Kif ukoll l-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Brian Bartolo hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu;
Ghaldaqstant tikkundannah terminu ta’ prigunerija ta’ sitt (6) xhur.

Kwantu ghall-imputazzjoni ta’ ksur ta’ liberazzjoni kondizzjonata moghtija b’sentenza tal-25 ta’ Gunju, 2007, tittratta mieghu mill-gdid ghall-imputazzjonijiet ammessi minnu f’ dik l-istess sentenza, u tikkundannah ghal terminu ta’ prigunerija ta’ tlitt (3) xhur.

Ghalhekk b’kollox l-imputat qed jigi kkundannat ghal terminu ta’ prigunerija ta’ disa’ (9) xhur.

Inoltre l-Qorti qieghedha tordna l-hrug ta’ Ordni ta’ Protezzjoni favur Marisa Tabone, Carmen Tabone u Saviour Tabone, ghall-perijodu ta’ tlitt (3) snin, ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas-sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------